



Brussell, 13 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13939/23
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0406(COD)**

**POLCOM 227
COMER 117
CODEC 1799**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-Regolament (UE) 2023/... dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi

Il-koerċizzjoni ekonomika tista' taffettwa kwalunkwe qasam tal-attivitàjiet tal-Unjoni jew ta' Stat Membru u jista' jkollha implikazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u legali kumplessi. Dan ir-Regolament huwa rispons meħtieġ u effettiv għall-koerċizzjoni ekonomika u jopera permezz ta' deterrenza iżda jista' jwassal għall-adozzjoni ta' kontromiżuri, fejn meħtieġ fl-aħħar istanza. Dan ir-Regolament ma għandu ebda preċedent, huwa mfassal bir-reqqa u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-implikazzjonijiet sinifikanti ta' każijiet ta' koerċizzjoni ekonomika. Minn dan isegwi li dan ir-Regolament u l-approċċi fih, b'mod partikolari l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill skont l-Artikolu 4, huma strettament speċifiċi għas-suġġett u ma jikkostitwixxux preċedent għal fajls leġislattivi oħra bbażati fuq l-Artikolu 207 TFUE, jew biex jiġu proposti tali atti. Bl-istess mod, ir-regoli dwar l-użu tal-proċedura ta' eżami fir-rigward tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni miftiehma f'dan l-istrument ma jippreġudikawx l-eżitu ta' negozjati leġislattivi oħra li għaddejjin jew futuri u ma għandhomx jitqiesu bħala preċedent għal fajls leġislattivi oħra. Dan ir-Regolament għalhekk ma għandux jitqies bħala preċedent għal atti oħra.